# Għinna nżommu r-residenti sikuri u b'saħħithom

**Is-saħħa tar-residenti hi l-ogħla prijorità tagħna.**

Aħna impenjati li niżguraw li jirċievu l-kura u s-sapport li għandhom bżonn, 24 siegħa kuljum, is-sena kollha.

## 1

## X'jiġri jekk xi ħadd jaqa' matul il-lejl, jew fi tmiem il-ġimgħa?



- Għandna ħafna għażliet biex niżguraw li l-għajnuna tkun disponibbli malajr.
- Għandna ners, kif ukoll kuntatt dirett ma' tobba, nersijiet oħra, spiżjara, sptarijiet u servizz tal-ambulanza.
- Aħna nistgħu nużaw it-"telehealth" – telefonati jew telefonati bil-vidjo – biex tikseb servizz speċjalizzat, minflok toqgħod tistenna għat-tabib biex jiġi fid-dar tal-kura.
- Li tmur fid-dipartiment tal-emerġenza jista' jikkawża ansjetà, allura fejn hu possibli t-tobba u n-nersijiet ser jikkuraw ir-residenti morda fil-kamra tagħhom stess.
- Jekk int imniżżel bħala kuntatt f'każ ta' emerġenza, aħna ser inċemplulek jekk ikun hemm xi tħassib.

NORTH WESTERN MELBOURNE
An Australian Government Initiative

Ambulance Victoria

Virtual Emergency Department

## 2 X'tista tagħmel biex tgħin?



- Kellimna biex tiżgura li l-GP u kuntatti oħra tar-resident huma aġġornati. Aħna flimkien nistgħu nippreparaw pjan għall-kura wara l-ħinijiet tal-uffiċċju.
- Jekk tieħu lil xi resident għall-viżita tal-kura tas-saħħa, jekk jogħġbok staqsi għal sommarju tal-kura u aqsmu magħna meta tiġi lura.
- Jekk ir-resident għandu pjan ta' kura avvanzata (advance care plan), jew xi ħadd inħatar biex jirrappreżentah, ara li jkollna dawk id-dettalji.

## 3 X'tista tagħmel aktar?



- Kellem lir-resident dwar pjan ta' kura avvanzata biex tkun żgur li x-xewqat tagħhom huma rispettati.
- Jekk hemm bżonn, tkellem dwar il-kitba ta' prokura jew il-ħatra ta' persuna li tieħu deċiżjonijiet dwar trattamenti mediċi.
- Kellimna biex tkun żgur li għandna l-informazzjoni kollha meħtieġa biex dejjem nipprovdu l-aqwa kura l-ħin kollu għar-resident tiegħek.
- Hemm xi għażliet ta' trattamenti li jistgħu jkunu ġodda għalik. Qies jekk għandekx tara l-websajt tad-Dipartiment tal-Emerġenza Virtwali ta' Victoria (ved.vic.gov.au) u fittex fuq il-websajt tad-Dipartiment tas-Saħħa (**health.vic.gov.au**) għal "servizzi residenzjali fid-dar tal-kura stess" (in-reach services).